**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
**03/2022**
05 TA' NOVEMBRU 2022

# IL-QORTI ĊĊANFAR L-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR TALLI PPERMETTIET ILLEGALMENT IT-TWAQQIEGĦ TAL-BINJA STORIKA TAS-SEA MALTA

Fl-20 ta' Marzu 2018, il-Kamra tal-Periti, flimkien ma' Din l-Art Ħelwa u Flimkien għall-Ambjent Aħjar, fetħu kawża kontra l-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-awtorizazzjoni illegali li kienet tat lill-Enemalta plc sabiex twaqqa' il-binja tas-Sea Malta ġewwa Xatt l-Għassara fil-Marsa.

Il-binja tas-Sea Malta, jew dak li fadal minnha, hija part important mill-wirt arkitettoniku tagħna – binja ta' stil modernista fin li amministrazzjonijiet suċċessivi naqsu milli jipproteġu u jiskedaw.

Il-kawża kienet infetħet wara li l-Kamra kienet l-ewwel kitbet lill-ex Prim Ministru Joseph Muscat fis-6 ta' Diċembru 2017 fejn qalet li "din il-binja issa tinsab serjament sfigurata b'riżultat dirett tan-nuqasijiet tal-Awtorità li tirrikonoxxi l-iżball tagħha, li tinjora sejħiet ripetuti sabiex ix-xogħlijiet ta' twaqqiegħ jieqfu, u li tinjora b'mod sfaċċat is-sejbiet tal-Kummissarju [tal-Ambjent u l-Ippjanar]. Dan l-aġir jista' biss jiġi deskritt bħala tal-mistħija, u huwa sinjal ċar li l-Awtorità tħossha 'l fuq mill-liġi."

Il-Kamra kienet sejħet lill-ex-Prim Ministru sabiex jieħu azzjoni immedjata sabiex jiġi assigurat li approvazzjonijiet abużivi sabiex jitwaqqa' il-wirt storiku mibni tagħna jiġu mħassar, u li jittieħu l-miżura neċessarji sabiex jiġu protetti l-binjiet storiċi tagħna minn iktar tiġrif bl-iskuża li dan huwa permissibli. Kienet ukoll saret talba urġenti għal laqgħa. Din l-ittra kif ukoll diversi talbiet għal laqgħat baqgħu bla tweġiba.

Fid-29 ta' Diċembru 2017, il-Kummissarji għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman kien ikkonferma l-pożizzjoni tal-Kamra dwar in-nuqqasjiet sostantivi u proċedurali tal-Awtorità tal-Ippjanar f'dan il-każ. Fil-fatt, il-Kunsill Eżekuttiv tal-PA saħansitra vvutat b'mod espliċitu li tinjora s-sejbiet tal-Ombudsman u tħalli għaddej t-twaqqiegħ tal-binja tas-Sea Malta xorta waħda.

Is-sentenza finali ta' lbieraħ tikkonferma l-pożizzjoni tal-Kamra dwar il-fallimenti sistematiċ tal-proċessi tal-ippjanar li taparsi jkunu rigoruż iżda fil-fatt ifallu milli jipproteġu l-ambjent mibni u l-wirt storiku arkitettoniku ta' pajjiżna.

Fl-aħħar xhur, stajna naraw diversi ritratti jduru fuq social media li jillustraw b'mod espliċitu dan it-taparsi protezzjoni tal-wirt arkitettoniku, minn cart-ruts preistoriċi sa kappelli rurali u binjiet prominenti tas-seklu 19 f'San Ġiljan. Dawn ir-ritratti jikxfu l-maskra tal-pretensjoni, li ma tistax tibqa' tiġi njorata minn dawk inkarigati li jieħdu d-deċiżjonijiet. Kif stajna nixhdu fil-każ tal-binja tas-Sea Malta, meta mogħtija l-opportunità, il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità jivvota favur it-twaqqiegħ tal-wirt kulturali flok biex jipproteġieh.

Il-Kamra ser tkompli tavvanza l-ħtieġa għal riforma radikali tas-sistema tal-ippjanar sabiex l-Awtorità tal-Ippjanar tibda tiffoka fuq il-ħarsien tal-ġid komuni flok l-interessi spekulattivi.